**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha 15 ta' Jannar 2021**

**Rikors numru:- 19/2020 (BS)**

**DD**

**-vs-**

**Dr. Kevin Mompalao li b'digriet tal-15 ta' Settembru 2020 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi ta' Ee**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' DD fejn ikkonfermat bil-gurament:

Illi l-esponenti u l-parti ntimata Ee izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) f'City Hall, New York City, New York, Stati Uniti tal-Amerika, kif jirrizulta mill-kopja awtentikata tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa bhala "Dok A".

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, Julian Duffy u Lucas Duffy li twieldu nhar il-hamsa (5) ta' Marzu elfejn u erbgha (2004) u nhar is-sbatax (17) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005) rispettivament.

Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Settembru tas-sena elfejn u ghaxar (2010) kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali kopja ta' liema hija annessa bhala Dok B u ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) wara d-debita awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kif moghtija nhar l-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) bid-digriet numru 22/2017 JVC.

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt moghti lilha mil-Ligijiet nostrani sabiex tipprocedi bid-divorzju.

Illi matul il-proceduri ta' separazzjoni personali l-intimat Ee kien rapprezentat mill-Avv. Jean Paul Grech bhala kuratur deputat appuntat minn dina l-Onorabbli Qorti stante li l-intimat jabita l-Istati Uniti tal-Amerika. L-ahhar indirizz maghruf tal-intimat huwa 60, Sutton Pl. South, Apartment 2F, New York, N.Y. 10022.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors qieghed jigi pprezentat rikors iehor ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-intimat Ee.

Illi fil-fehma umli tal-esponenti, il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksieb tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Illi ai termini ta' l-istess Artikolu 66B tal-Kodici Civili, l-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li hija m'hi tirrinunzja ghall-ebda dritt taghha u/jew ta' ulied il-partijiet b'din it-talba ghad-divorzju liema talba m'ghandha ggib ebda bidla f'dak miftiehem bejn il-partijiet permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali *ivi* anness hlief ghall-effetti tad-divorzju li jirrizultaw mil-Ligi nostrana.

Talbet lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghalhekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' Dr. Kevin Mompalao li b'digriet tal-15 ta' Settembru 2020 gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Ee illi eccepixxa:

Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-procedura u sakemm ma jaghmilx kuntatt ma l-assenti fl-esteru qed jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba. Dan prevja illi qabel ma jigi pronunzjat id-divorzju l-attrici ghandha tipprova illi r-rekwiziti tassattivament rikjesti mil-ligi huma sodisfatti u li tali talba ghal divorzju tista' ssir f'Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha jiddikjara li mhux jopponi t-talba.

Semghet lill-attrici tikkonferma li ilha mifruda mis-sieheb taghha ghal aktar minn erba' snin u li m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2020, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-15 ta' Jannar, 2021.

**Ikkunsidrat**

Mill-atti, sewwasew mic-certifikat taz-zwieg[1] jirrizulta li l-attrici u l-konvenut Ee izzewgu nhar il-21 ta' Awwissu tas-sena 2003 f'City Hall, New York City, New York, Stati Uniti tal-Amerika. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Julian Duffy u Lucas Duffy li twieldu nhar il-5 ta' Marzu, 2004 u fis-17 ta' Lulju 2005 rispettivament.

[1] A fol 3 tal-process

Jirrizulta wkoll[2] li l-partijiet isseparaw *de facto* f' Settembru ta' l-2010. Il-Kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fit-22 ta' Awissu, 2017. Billi l-konvenut kien assenti[3] minn Malta kien irrapprezentah il-kuratur deputat Dr Jean Paul Grech.

Il-mara DD, l-attrici fil-kawza odjerna, iddikjarat li ma jezisti l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni u li ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut ma hux qed jopponi t-talba ta' l-attrici ghall-pronunzjament tad-divorzju bejniethom pero' jopponi illi huwa ghandu jhallas xi spejjez relatati ma' din il-kawza.

**Decide.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenta u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjez ghandhom jithallsu mir-rikorrenta.**

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

---

[2] Kuntratt ta separazzjoni a fol 4 sa fol 12 tal-process

[3] Jirrizulta li kien jirrisjedi l-Amerika